

Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7491/19

SOC 219
EMPL 173
INST 73

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proċedura għall-għażla tas-sede tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Fl-20 ta' Frar, il-Coreper I ikkonferma l-qbil milħuq dwar il-proposta għall-istabbiliment ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA). L-adozzjoni formali tar-Regolament mistennija li sseħħ f'April. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sede tal-ELA ġew esklużi mir-Regolament, u issa għandha titnieda l-proċedura biex tittieħed deċiżjoni dwar is-sede.

L-approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2012 mill-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati¹ jirrikonoxxi li d-deċiżjoni dwar is-sede ta' aġenzija għandha tittieħed bi qbil komuni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri.

Kien hemm diskussjoni qasira fil-Coreper II tas-27 ta' Frar 2019, segwita minn analiżi aktar fil-fond tal-proċedura u l-kriterji fil-Coreper I tas-6 ta' Marzu 2019. Fil-marġni tal-Coreper I li saret fit-13 ta' Marzu 2019, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri approvaw bi qbil komuni l-proċedura u l-kriterji kif stipulati fl-Anness.

¹ Dok. 11450/12.

PROĊEDURA BIEX TITTIEĦED DEĊIŻJONI DWAR IS-SEDE TAL-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

Id-deċiżjoni dwar is-sede tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) teħtieġ qbil komuni fost l-Istati Membri². Fil-passat, ġew segwiti proċeduri differenti biex tittieħed deċiżjoni dwar is-sede tal-aġenziji. Il-proċedura għar-rilokazzjoni tal-aġenziji ta' Londra poġġiet enfasi kbira fuq it-trasparenza u l-użu tal-kriterji skont l-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2012.

Dan id-dokument fih l-elementi biex jintlaħaq ftehim dwar proċedura għall-ELA, inkluż pjan direzzjonali u sett ta' kriterji, bil-fehim li l-Istati Membri kollha jinvolve ruħhom biex jirrispettaw ir-riżultat ta' dik il-proċedura.

1. Responsabbiltajiet

Minħabba n-natura politika ġenerali tal-attribuzzjoni tas-sedi tal-aġenziji, din hija kwistjoni għar-rappreżentanti tal-Istati Membri. Il-kwistjoni ser tiġi indirizzata fil-marġini tal-Coreper I. Bħalma jiġri normalment, l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill ser imexxi l-proċess, appoġġat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

2. Żmien tal-proċess

L-għan huwa li l-ELA tkun tista' ssir operazzjonali malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

² "Ftehim komuni" u "qbil komuni" huma termini li għandhom l-effett ekwivalenti li jirrikjedu li r-Rappreżentanti kollha tal-Gvernijiet ikunu jistgħu jesprimu ruħhom favur is-soluzzjoni magħżula (ebda astensjoni).

3. Kriterji

Il-kriterji għas-sede tal-Aġenzija huma bbażati fuq il-punt 6 tal-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2012.

Minbarra l-kriterji oġġettivi, id-Dikjarazzjoni Konġunta ssemmi wkoll ix-xewqa għall-firxa ġeografika u għall-oġġettiv maqbul mill-mexxejja fl-2003 u kkonfermat fl-2008 li fid-distribuzzjoni tas-sedi tal-aġenziji l-oħra li jkunu ser jiġu stabbiliti fil-futur tingħata prijorità lil Stati aderenti. Dan tqies fil-kriterju 1.

Ser jitqiesu l-kriterji li ġejjin. Għal finijiet ta' informazzjoni, il-ħtiġijiet tekniċi u operazzjonali tal-ELA jinsabu fl-Anness 1.

1. Bilanċ ġeografiku:

Skont il-konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-livell ta' Kap ta' Stat jew ta' Gvern fi Brussell fit-13 ta' Diċembru 2003, u li kienu mtennija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19/20 ta' Ġunju 2008³, għandha tingħata prijorità lill-Istati Aderenti l-ġodda fid-distribuzzjoni tas-sedi tal-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Komunità li għandhom jiġu stabbiliti fil-futur. Is-sedi tal-uffiċċji jew l-aġenziji futuri għandhom ikunu primarjament fl-Istati Membri li aderew mal-Unjoni fl-2004 jew wara, waqt li għandha tingħata prijorità xierqa lill-Istati Membri li għadhom ma jospitawx uffiċċju jew aġenzija tal-UE.

2. Id-data meta tista' tiġi stabbilita l-Aġenzija fuq il-post wara d-dħul fis-seħħ tal-att fundatur tagħha:

Dan il-kriterju jikkonċerna b'mod partikolari d-disponibbiltà f'waqtha ta' bini xieraq biex l-Aġenzija ssir operazzjonali skont l-Artikolu 45(1) tal-abbozz ta' Regolament tal-ELA. Dan għandu jinkludi l-loġistika meħtieġa u spazju biżżejjed għal uffiċċji, swali għal-laqgħat u arkivji lil hinn mis-sit, netwerks ta' ħżin ta' data u ta' telekomunikazzjoni ta' prestazzjoni għolja kif ukoll standards xierqa ta' sigurtà fiżika u għall-IT.

³ Dok 11018/1/08

3. Aċċessibbiltà tas-sit:

Dan il-kriterju jikkonċerna d-disponibbiltà, il-frekwenza u l-ħin li jieħdu l-konnessjonijiet tat-trasport pubbliku mill-eqreb ajruport sas-sit, kif ukoll il-kwalità u l-kwantità tal-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni. B'mod partikolari, il-kriterju jimplika l-kapaċità li jkunu jistgħu jsiru l-attivitajiet mistennija tal-laqgħat tal-Aġenzija.

4. Eżistenza ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal tal-persunal tal-aġenzija:

Dan il-kriterju jikkonċerna d-disponibbiltà ta' skejjel b'taġħlim multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea li jissodisfaw il-ħtiġijiet għal faċilitajiet ta' edukazzjoni għat-tfal tal-persunal tal-Aġenzija.

5. Access xieraq għas-suq tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi:

Dan il-kriterju jikkonċerna l-kapaċità li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet għas-sigurtà soċjali u l-kura medika tat-tfal u l-konjuġi tal-persunal, kif ukoll id-disponibbiltà li jkunu offerti opportunitajiet ta' xogħol għalihom.

4. Offerti ta' ospitar

Sabiex jiġi żgurat proċess ġust u trasparenti, għandhom japplikaw ir-regoli u r-rekwiżiti li ġejjin għall-offerti:

Regoli ġenerali

Kull Stat Membru jista' jagħmel offerta waħda biex jospita **l-Aġenzija**.

Fl-offerta tiegħu, l-Istat Membru għandu **jindirizza l-kriterji** msemmija hawn fuq u, għal kull kriterju, jispeċifika l-kondizzjonijiet offerti.

L-offerti kollha għandhom jindikaw l-impenn tal-Istat Membru li jikkonferma dawn il-kondizzjonijiet fil-**ftehim dwar il-kwartieri ġenerali**⁴ mal-Aġenzija inkwistjoni. Dak il-ftehim għandu jiġi ffirmat qabel ma l-Aġenzija tieħu postha fis-sit il-ġdid.

⁴ Ara l-linji gwida tal-Kummissjoni b'dispożizzjonijiet standard għall-ftehimiet dwar il-kwartieri ġenerali tal-aġenziji deċentralizzati tal-UE: https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/2013-12-10_guidelines_hq_agreements_en.pdf

L-offerti kollha għall-ospitar tal-Aġenzija għandhom isiru bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill b'kopja lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni. **Id-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti hija s-6 ta' Mejju 2019 (tmien il-ġurnata tax-xogħol).**

L-offerti kollha mill-Istati Membri li jaslu qabel l-iskadenza ser jiġu **ppubblikati** fuq is-sit web tal-Kunsill, bl-esklużjoni ta' sigrieti tan-negozju u informazzjoni kunfidenzjali oħra wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati.

Flimkien mal-offerta tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw **filmat qasir ta' preżentazzjoni rrekordjat** fil-forma ta' link għal sit web ta' Stat Membru. Links bħal dawn ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kunsill flimkien mal-offerti.

Il-pubblikazzjoni ssir fit-13 ta' Mejju.

Kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fl-offerta

L-offerta għandha tindika fid-dettall kif il-ħames kriterji huma indirizzati u għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet offerti.

B'mod partikolari l-offerta għandha tindika:

Il-bini li ser ikun offrut biex jinkera jew jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija u kif dan il-bini ser jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Aġenzija kif indikat fl-Anness 1;

It-termini finazjarji għall-użu ta' dan il-bini mill-Aġenzija, li jispeċifikaw b'mod partikolari jekk l-Istat Membru hux ser iħallas il-kera għal perijodu ta' żmien stabbilit jew b'mod indefinit;

It-termini dwar iż-żamma tal-bini inkluż it-titjib tiegħu u estensjonijiet futuri jekk ikunu meħtieġa;

Kwalunkwe kondizzjoni speċjali offruta fir-rigward tal-ispejjeż u l-infrastrutturi apposta kollha; u

Kwalunkwe benefiċċju li jingħata lill-Aġenzija u/jew lill-persunal tagħha minbarra dawk skont il-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

5. Eżami tal-offerti mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ser tħejji valutazzjoni ġenerali tal-offerti kollha li jaslu qabel l-iskadenza abbażi tal-kriterji msemmija fil-punt 3. Il-Kummissjoni ser tiddekrivi kif kull offerta tissodisfa l-kriterji u kif tindirizza l-kwistjonijiet speċifiċi stipulati. Qabel it-3 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tal-offerti lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li mbagħad iqassamha lill-Istati Membri u jagħmilha disponibbli għall-pubbliku.

6. Proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u votazzjoni

Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet huwa infurmat mill-valutazzjoni msemmija fil-punt 5. Qablu ser ikun hemm diskussjoni politika organizzata bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Din ser issir fil-marġini tal-Coreper I fil-5 ta' Ġunju. Il-Kummissjoni ser tippreżenta bil-fomm il-valutazzjoni tagħha tal-offerti. L-Istati Membri li ppreżentaw offerta biex jospitaw is-sede tal-ELA ser jingħataw l-opportunità li jagħmlu preżentazzjoni qasira tal-offerta tagħhom (massimu ta' tliet minuti).

Il-proċess ta' votazzjoni ser isir fil-marġini tal-Kunsill EPSCO tat-13 ta' Ġunju (fil-Lussemburgu). Il-proċess ta' votazzjoni għandu jikkonsisti minn ċikli suċċessivi ta' votazzjoni. Il-voti jintefgħu b'mod sigriet u kull Stat Membru jkollu vot wieħed. L-offerti kollha, minbarra dawk irtirati mill-Istati Membri kkonċernati, ser jitressqu għall-vot. Il-proċess ta' votazzjoni dwar is-sede m'għandux jinvolvi t-tluġ bil-polza.

L-ewwel ċiklu ta' votazzjoni

F'dan iċ-ċiklu, kull Stat Membru jkollu vot wieħed li għandu jiġi allokat għall-offerta preferuta.

Jekk fl-ewwel ċiklu ta' votazzjoni, waħda mill-offerti tirċievi aktar minn nofs il-voti magħduda, u għalhekk jirrappreżentaw il-maġġoranza, din l-offerta titqies bħala l-offerta magħżula.

Jekk l-ebda offerta ma tirċievi aktar minn nofs il-voti magħduda, iż-żewġ offerti li jirċievu l-ogħla għadd ta' voti jkunu soġġetti għat-tieni ċiklu ta' votazzjoni. Jekk tliet offerti jew aktar jirċievu l-ogħla għadd ta' voti, dawn l-offerti jipparteċipaw fil-vot li jmiss skont is-subparagrafu li ġej. Bl-istess mod, f'każ li jkun hemm offerta waħda li tirċievi l-ogħla għadd ta' voti, iżda żewġ offerti jew aktar jirċievu it-tieni l-ogħla għadd ta' voti, dawn l-offerti kollha jipparteċipaw fil-vot li jmiss skont is-subparagrafu li ġej.

Dan l-ewwel ċiklu ta' votazzjoni għandu jiġi ripetut sakemm jew offerta waħda tirċievi aktar minn nofs il-voti magħduda u għalhekk titqies l-offerta magħżula jew sakemm żewġ offerti biss jirċievu l-ogħla għadd ta' voti. Fil-każ tal-aħħar, dawn iż-żewġ offerti jipparteċipaw fit-tieni ċiklu ta' votazzjoni.

It-tieni ċiklu ta' votazzjoni

Fit-tieni ċiklu ta' votazzjoni, kull Stat Membru jkollu vot wieħed li jista' jagħti lil waħda miż-żewġ offerti li jkunu ntgħażlu għat-tieni ċiklu ta' votazzjoni.

Jekk waħda mill-offerti tirċievi aktar minn nofs il-voti magħduda, u għalhekk jirrappreżentaw il-maġġoranza, din l-offerta titqies bħala l-offerta magħżula.

F'każ ta' voti ndaqs, issir votazzjoni ġdida, waħda jew aktar, wara żmien ta' riflessjoni ta' mill-anqas siegħa. It-tul preċiż tiegħu jiġi ddeterminat mill-Presidenza. Il-votazzjoni tibqa' għaddejja sakemm waħda mill-offerti tirċievi l-maġġoranza tal-voti.

Deċiżjoni

Id-deċiżjoni dwar is-sede tal-Aġenzija li tirrifletti l-eżitu tal-proċess ta' votazzjoni tiġi kkonfermata bi ftehim komuni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-istess laqgħa.

7. Informazzjoni għall-Parlament Ewropew u għall-pubbliku

Il-Presidenza għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-fatt li l-proċedura tkun ġiet varata, dwar l-offerti li jkunu waslu u dwar id-deċiżjoni finali li tkun ittieħdet. Din l-informazzjoni tiġi ppubblikata wkoll.

Ħtiġijiet tekniċi u operazzjonali tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)⁵

L-ELA ser tappoġġa l-mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol fi ħdan l-UE, biex b'hekk iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet offruti mis-suq uniku, filwaqt li fl-istess ħin tipprevjeni u tindirizza l-frodi soċjali u l-abbuż. L-ambitu tal-attivitajiet tal-ELA jkopri l-mobbiltà tranfruntiera tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. L-oġġettivi tal-ELA huma li:

- Tipprovdi għodod għall-infurzar transfruntier effettiv u rapidu tar-regoli tal-UE, bħal spezzjonijiet konġunti u miftiehma mill-Istati Membri;
- Timmedja f'każijiet ta' tilwim transfruntier bejn l-Istati Membri;
- Taġixxi bħala ċentru għall-iffaċilitar tal-iskambju u l-provvista ta' informazzjoni.

L-Awtorità ser tkun fdata b'għadd ta' kompiti operazzjonali, inkluż l-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni minn individwi u impjegaturi, l-appoġġ lill-Istati Membri fil-kooperazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni, l-ispezzjonijiet mifthiema u konġunti, il-valutazzjoni tar-riskju, it-tishiġ tal-kapaċità, il-medjazzjoni, u l-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat.

Ser tipprovdi appoġġ operazzjonali, riżorsi għal attivitajiet komuni, u forum għall-iskambju ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' fiduċja reċiproka u kultura amministrattiva aktar mill-qrib madwar l-Istati Membri.

L-ELA ser tiġi stabbilita billi tiġbor flimkien l-għarfien espert u l-ħidma ta' diversi kumitati u strutturi li hemm bħalissa. Ser ikun importanti li jiġi żgurat li din il-ħidma tkun tista' tkompli mingħajr interruzzjonijiet u li l-ELA tkun tista' tattira l-persunal meħtieġ mis-setturi rilevanti.

Matul l-2019, l-għadd ta' persunal tal-ELA huwa stmat li jilħaq 23, li minnhom ikun hemm 7 aġenti kuntrattwali u 16-il aġent temporanju (amministraturi (AD) u assistenti (AST)). Matul l-2020, il-persunal tal-ELA huwa mistenni jilħaq total ta' 65, li minnhom ikun hemm 15-il aġent kuntrattwali, 20 aġent temporanju, u 30 espert nazzjonali sekondat. B'kapaċità shiġha, li mistennija tintlaħaq fi żmien 5 snin mill-istabbiliment tagħha, huwa stmat li l-persunal tal-ELA jkun magħmul minn 144 membru, li minnhom ikun hemm 60 espert sekondat mill-Istati Membri tagħhom.

⁵ Abbażi ta' kontribut mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Fis-sede futura tal-ELA, flimkien man-networks tat-telekomunikazzjoni u tal-ħżin ta' data meħtieġa skont l-istandards tas-sigurtà fiżiċi u tal-IT, jeħtieġ li jiġu żgurati l-loġistika u spazju suffiċjenti għall-uffiċċji sabiex jiġi akkomodat il-persunal tagħha.

F'termini ta' bini, jista' jiġi antiċipat li l-Awtorità ser tkun teħtieġ infrastruttura u kmamar komuni biex takkomoda l-laqgħat tal-Bord Amministrattiv, il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati, kif ukoll laqgħat li jlaqqgħu flimkien lill-Istati Membri għal attivitajiet konġunti (pereżempju l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet konġunti u miftiehma, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet), u laqgħat tal-gruppi ta' ħidma maħluqa mill-Bord Amministrattiv tal-ELA (b'mod partikolari l-Bord ta' Medjazzjoni, il-Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat, u kwalunkwe grupp ta' ħidma ieħor stabbilit mill-Bord Amministrattiv). Huwa mistenni li xi wħud minn dawn il-laqgħat idumu bosta jiem, bl-iljieli inklużi u għalhekk ikun hemm bżonn ta' kapaċità suffiċjenti għal akkomodazzjoni/lukanda xierqa.

Ser ikunu meħtieġa spazji ta' uffiċċji għal madwar 144 membru tal-persunal. Il-bini tal-ELA għandu jkun ta' daqs suffiċjenti sabiex jissodisfa l-attivitajiet tagħha b'mod ottimali. Bħala indikazzjoni, id-daqs tal-bini tal-ELA għandu jkun ta' bejn 5000 u 7000 metru kwadru b'kollox (li jkun jinkludi swali għal-laqgħat u infrastruttura komuni)⁶.

L-ELA hija mistennija torganizza missjonijiet regolari għall-persunal tagħha fl-Ewropa (pereżempju l-parteciċipazzjoni tal-persunal tal-ELA fi spezzjonijiet konġunti jew miftiehma), li jeħtieġu aċċess faċli għat-trasport bl-ajru u bil-ferrovija b'konnessjonijiet ma' bliet kapitali Ewropej.

Il-persunal tal-ELA, inkluż 60 espert nazzjonali sekondat, ser jirrappreżenta n-nazzjonalitajiet tal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll taż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Iżvizzera. Għalhekk, id-disponibbiltà ta' skejjel b'taġħlim multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea hija kruċjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet għal faċilitajiet ta' edukazzjoni għat-tfal tal-persunal tal-ELA.

⁶ Iċ-ċifri indikati huma bbażati fuq informazzjoni dwar aġenziji oħra tal-UE u fuq iċ-ċifra msemija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politiki tal-bini u l-infrastrutturi fi Brussell, COM(2003)755 final.